Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Martin Sammut)

vs

Michael Vella

Illum 6 ta’ Frar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra ‘il fuq imsemmi imputat Michael Vella iben missier mhux maghruf u Josephine nee’ Vella, imwieled fit-13 ta’ Ottubru, 1958 u detentur ta’ karta tal-identita Nru 678758(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’diversi bnadi f’Gunju 1995 u fis-snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi;

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga giet fdata jew ikkunsinata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, is-somma ta' aktar minn LM1,000, u dan ghad-dannu ta' Felix Vassallo, Carmel Grima, Raymond Portelli, Silvio Gruppetta, Paul Grima, Joseph Aquilina, Raymond Borg u bosta persuni ohra u dan bi ksur ta artikoli 293, 294 u 310 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jew b'qerq iehor, ghamel qliegh ta' aktar minn LM1,000 ghad-dannu ta' Felix Vassallo, Carmel Grima, Raymond Portelli, Silvio Gruppetta, Paul Grima, Joseph Aquilina, Raymond Borg u bosta persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi l-Avukat difensur tal-imputat qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi dwar il-komputazzjoni tal-piena l-Avukat difensur iddikjara illi jaqbel f'kollox ma dak illi qal l-Ufficjal Prosekutur hlief ghal haga wahda, u cioe', illi skond l-Avukat difensur hemm distinzjoni bejn l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 310 dwar l-agravvju tal-valur fuq l-Artikoli 308, 309, 293 u 294 tal-Kap. 9. Ir-raguni illi ressaq l-Avukat difensur tal-imputat f'dan ir-rigward hija illi l-Artikolu 310 jghid illi l-Qorti ghandha, hija obbligata illi izzid il-piena b'zewg gradi jew aktar. Mentri fil-kaz tar-reat kontinwat ma hemm l-ebda obbligu ta' zieda fil-piena imma sta ghad-diskrezzjoni tal-Qorti jekk izidx il-piena jew le.

Illi l-Ufficjal Prosekutur f'dan ir-rigward ghamel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet il-Pulizija kontra Paul Vella fit-18 ta' April, 2000 fejn gie deciz illi ghall-fini ta' preskrizzjoni illi il-piena applikabbli ghar-reat

hija skond kif dedotta fl-akkuza u mhux kif jirrizulta aktar tard mix-xhieda u mill-provi li tressaq il-pulizija.

Illi l-imputazzjoni odjerna tghid illi l-imputat huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi bnadi f'Gunju 1995 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi etc.  Jigifieri l-pulizija qeghda taghmel referenza hawn hekk ghall-akkuza taht l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, ir-reat kontinwat u ghalhekk ghall-finijiet ta' preskrizzjoni meta l-Qorti tigi biex tikkomputa l-preskrizzjoni l-Artikolu 310 tal-Kodici Kriminali izid l-aggravju bi tlett gradi u l-Artikolu 18 ghall-finijiet tar-reat kontinwat ir-reat, jista jtella' l-piena bi grad jew bi tnejn. Mela jekk wiehed umbaghad jaghmel referenza ghall-iskala tal-pieni fil-Kodici 9 u cioe' l-Artikolu 31, l-Artikolu 308 issemmi prigunerija ta' bejn 4 xhur sa sena, l-Artikolu 310 itella din il-piena bi tlett gradi u l-Artikolu 18 jista ittella l-piena b'zewg gradi ohrajn.  Ghalhekk jekk wiehed jara l-Artikolu 31 (b) tal-Kap. 9 il-piena titla bi tlett gradi jigifieri sa tlett snin habs u bir-reat kontinwat il-piena titla b'zewg skali ohrajn jigifieri tigi ghal hames snin prigunerija.  U ghalhekk jekk wiehed imur ghall-finijiet ta' preskrizzjoni u jara l-Artikolu 688 (b) il-Kodici jispecifika illi fl-gheluq ta' ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' inqas minn 9 snin u mhux anqas minn 4 snin.

Ghalhekk dejjem skond l-Ufficjal Prosekutur ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-preskrizzjoni fil-kaz odjern bdiet tiddekkorri f'Gunju tas-sena 1995 u allura r-reat ikun preskritt fis-sena 2005 f'Gunju;

Illi l-Qorti semghet u ikkunsidrat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija kontra Paul Vella datata 18 ta' April, 2000.

Illi l-Qorti ikkunsidrat b'mod specjali dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha u nikkwota testwalment:

*"Meta si tratta ta' komputazzjoni ta' preskrizzjoni sabiex jigi stmat kemm hu z-zmien preskrizzjonali wiehed ghandu jara l-akkuza kif dedotta u minn hemm hekk wiehed jikkalkola dan iz-zmien u mhux jikkalkola z-zmien skond ir-rizultanzi fuq il-meritu, aktar u aktar meta s-sentenza fil-fatt, fil-kaz in ezami, ma kkunsidratx il-provi fil-meritu, izda laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin in bazi tal-akkuzi. Ghal dak li jikkoncerna z-zmien preskrizzjonali fil-kaz odjern, dan jigi kalkolat mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi skond l-akkuza."*

Illi f'din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jinghad ukoll hekk :

*"Ghalhekk huwa ovvju, dan kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza lokali, li ghall-finijiet ta' komputazzjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni, il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni z-zieda fil-piena ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu 18 tal-Kap. 9 (Vide Appell Kriminali per Onor Imhallef Mizzi Il-Pulizija kontra Grazio Zerafa deciz 4 ta' Novembru, 1976".*

Fis-sentenza taghha il-Qorti tal-Appell Kriminali irrilevat ukoll *"illi skond l-Artikolu 689 tal-Kap. 9 fejn si tratta ta' komputazzjoni taz-zmien tal-preskrizzjoni ma ghandux jittiehed qies biss u unikament ta' skuzi u cirkostanzi attenwanti u ta' l-aggravanti tar-recidiva. Dan l-Artikolu ma jsemmi xejn dwar ir-reat kontinwati, dan ghaliex, fid-definizzjoni tal-Ligi fl-Artikolu 18 tal-Kap. 9 dan ir-reat kontinwat jibqa essenzjalment reat wiehed. Jigifieri ghal dak li jirrigwarda komputazzjoni taz-zmien preskrizzjonali, dan l-Artikolu 689 tal-Kap. 9 ma jeskludix ir-reat kontinwat bhalma jeskludi l-attenwanti u l-iskuzi u r-recidiva. Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant fis-sens li hawn hekk iz-zmien preskrizzjonali applikabbli hu dak ta' ghaxar snin, u mhux ta' hames snin kif qalet l-ewwel Qorti, huwa milqugh."*

Illi l-Qorti taqbel perfettament ma din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti tara illi l-imputazzjoni odjerna tkun preskritta f'Gunju tas-sena 2005;

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjoni tal-Preskrizzjoni imressqa mid-difiza, tordna illi l-procediment tas-smigh tal-kawza.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur